MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2008

Appell Civili Numru. 995/2005/1

**Connect Limited**

**vs**

**Spinoff Limited**

**Il-Qorti,**

Fis-26 ta’ Novembru, 2007, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**It-Tribunal
>
> Ra l-Avviz tas-socjeta’ attrici li bih talbet lis-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta’ disa’ mija u tnejn u disghin lira Maltin u hamsa w erbghin centezmu (Lm992.45c) dovuti minnha lis-socjeta’ attrici in kwantu ghal servizzi rezi w apparat fornit lis-socjeta’ konvenuta kif

rikjest minnha u in rigward ta’ liema ghadu ma sarx hlas minkejja bosta interpellazzjonijiet.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta’ l-ittri legali u ta’ dik ufficjali tat-18 ta’ Lulju, 2002 u bl-imghaxijiet kummercjali dekorribbli minn meta gew rezi s-servizzi.

Ra r-Risposta tas-socjeta’ konvenuta li eccepiet illi qed tikkontesta t-talba tas-socjeta’ attrici li ghandha tigi respinta bl-ispejjez stante li:-

i) hija preskritta ai termini ta’ l-Artikolu 2148(a) tal-Kap. 16 kif ghandu jirrizulta mid-dati relattivi, anki jekk dawn ma gewx indikati appozitivament;
ii) in ogni caso u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-ammont pretiz mhux dovut, in kwantu l-allegati servizzi w apparat ma nghatawx skond is-sengha u l-arti;
iii) Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Ra x-xhieda ta’ George Camilleri, *managing director* tas-socjeta’ attrici. Huma kienu jipprovdu servizzi ta’ telekommunikazzjoni lis-socjeta’ konvenuta u din ta’ l-ahhar kienet klijenta taghhom, tant li ma kellhomx *managing agreement*.

Kienu jaghmlu l-aktar xoghol ta’ manutenzjoni tas-sistema tat-telephones u s-*software* assocjat mieghu. Ix-xoghol in kwistjoni sar fit-30 t’April, 2003 u kienu baghtu l-kont fis-27 ta’ Mejju, 2003. Il-pagament ma sarx u s-socjeta’ konvenuta qatt ma tat raguni ghalfejn kienet qed tikkontesta l-ammont.

Ix-xhud jispjega illi apparti mis-servizz taghhom, kienu wkoll ibiddlu apparat jekk ikun il-kaz.

Jispjega wkoll illi fl-inhawi kien hemm hafna drabi *power surges* u dan mhux biss fil-lukanda in kwistjoni, izda anki f’xi lukandi fl-inhawi. Dawn il-

*power surges* jistghu jikkrejaw hsarat u fil-fatt fil-lukanda San Giljan gieli marru jsewwu dawn il-hsarat.

Ra x-xhieda ta’ Veronica Camilleri, li tikkonferma li s-socjeta’ konvenuta kienet ilha tahdem mas-socjeta’ attrici ghal madwar ghaxar snin u ghalhekk, kienu jibaghtu l-kontijiet u kienu jistennew xahar sabiex jithallsu. Anki jekk kien hemm *claim*, generalment is-socjeta’ konvenuta kienet koperta b’insurance u s-socjeta’ assikurattrici da parti taghha kienet thallas lis-socjeta’ attrici.

Ix-xhud tghid li qatt ma rcevew xi lamenteli mis-socjeta’ konvenuta rigward il-kontijiet li kienu jibghatulhom.

Ra x-xhieda ta’ Vincent Lungaro Mifsud li kien il-Manager tal-Lukanda Rafael Spinola Hotel minn Marzu 2003 sa Ottubru 2003. Jghid li kien sab li kien hemm xi problema fis-sistema telefonika, fis-sens li kull telefonata li kienet qed issir mir-residenti minn gol-kamra taghhom ma kienitx qed tigi registrata u per konsegwenza kien hemm telf ta’ qliegh.

Jikkonferma li kien kkomunika ma’ xi impjegat tas-socjeta’ attrici, izda s-sistema baqghet tahdem fl-istess mod sakemm baqa’ hemm. Jghid li peress li hu kien jaf lil George Camilleri, direttur tas-socjeta’ attrici, kien fdah u kienu jaghmlu kollox verbalment.

Jispjega li s-sistema telefonika kienet konnessa mas-*server* tal-*computer system*, sabiex mill-*computer* johrog il-*billing*. Ma kienx jaf jekk il-*connection* saritx mis-socjeta’ attrici.

Jispjega wkoll li kien hemm problema ohra u cjoe’ ta’ spiss l-*incoming calls* kienu jaqghu bir-rizultat li t-telefon ma kienx idoqq u kull min kien icempel

kien jahseb li jew ma kien hemm hadd jew li mhux qed jirrispondi t-telefon.

Jikkonferma li kien icempel lis-socjeta' attrici kull darba li kellhom xi problema u s-sistema kienet terga' tiffunzjona ghal ftit u mbaghad terga' taqa' u ghalhekk kien hemm xi haga hazina li kienet qed issir mis-socjeta' attrici.

Jispjega wkoll li sab li kien hemm wahda mil-linji li kienet mejta u meta gharraf lis-socjeta' konvenuta kienu qalulu li l-problema kienet gejja mit-Telemalta. Meta dawn ivverifikaw ikkonfermaw li kollox kien sew min- naha taghhom.

Kien biss it-*technician* tas-socjeta' li nstalla s-sistema l-gdida li ntebah li l-*wire* ta' din il-linja kien maqlugh minn ma' l-apparat ta' Connect Limited. Jghid li jista' jkun li dan il-wire, nqala' incidentalment

Jispjega wkoll illi gie allegat li kien hemm tlett *power surges* u fl-ahhar is-socjeta' assikurattrici saqsithom sabiex jipprezentaw rapport, li qatt ma rnexxielhom jakkwistaw.

Fl-ahharnett jghid li s-socjeta' attrici dejjem relatat il-problemi tas-sistema telefonika, mal-kwistjoni ta' *power surges*.

Ra x-xhieda ta' Anthony Gatt, direttur managerjali tas-socjeta' konvenuta. Jghid li kien hemm ftehim mas-socjeta' attrici li sar fl-1992 sabiex dawn ifornu, jinstallaw u jmantnu sistema telefonika maghrufa bhala PABX fil-lukanda Rafael Spinola Hotel.

Is-sistema kienet inxtrat f'Marzu/April 2000 u sa Mejju 2000 diga' kien hemm problemi fil-*call logging* izda mhux fil-kmamar kollha.

Jispjega illi kien hemm problema fis-sistema telefonika fis-sena 2000 u dan irrizulta li kien minhabba sajjetta. Ghal dawn il-hsarat kienu gew koperti mill-insurance li kienet hallsithom elf seba' mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm1,725) u dawn kienu ghat-tiswija jew riforniment ta' apparat li garrab hsara.

Sussegwentement, is-socjeta' attrici giet inkarigata sabiex tforni u tinstalla sistema telefonika gdida tal-marka Siemens Sophos S50 u baqa' in vigore l-ftehim ta' manutenzjoni. Izda, minn mindu giet installata din is-sistema gdida, ma bdietx tiffunzjona tajjeb u kien ikun hemm hsara regolarment. Fil-fatt, bejn is-sena 2000 u 2002, kienu thallsu spejjez fl-ammont ta' mija u tmienja u hamsin lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm158.15c). Skond is-socjeta' attrici dawn il-hsarat kienu qed jigu kkagunati minn *power surges*.

Kien f'Awissu tas-sena 2002, meta rega' kien hemm xi hsarat, peress li l-PABX waqfet tahdem. Is-socjeta' Connect Limited waslet ghall-konkluzjoni li dan kien minhabba sajjetta, pero' stranament kienet biss is-sistema telefonika li garrbet il-hsara.

Ghal darb'ohra, Atlas Insurance hallset seba' mija u tmenin lira Maltin (Lm780) minn elf u tnax-il-lira Maltin (Lm1,012) u bil-kundizzjoni li jitwahhal apparat maghruf bhala *power surge equipment*, li gie nstallat mill-Inginier Joe Bonnici, fuq rakkomandazzjoni ta' Atlas Insurance, apparat li qatt ma gie rrakkomandat mis-socjeta' attrici.

Inholqot problema ghaliex is-sistema ta' *call logging*, u cjoe' s-sistema sabiex jigu rrikordjati t-telefonati mill-kmamar tal-lukanda sabiex johorgu l-kontijiet relattivi, ma bdietx tiffunzjona wara li giet installata l-PABX gdida. Dan wassal ghal telf finanzjarju ta' tmien mija u sitta u sebghin lira

Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm876.89c) bejn 2001 u 2002. Gie kkalkolat telf ta’ disa fil-mija (9%).

F’Marzu 2003, is-sistema tal-PABX regghet garrbet hsara kbira u s-socjeta’ attrici regghet attribwiet il-problema ghal *power surge*. Qalet ukoll li l-*power surge protector*, ma kienitx qed tipprotegi s-sistema kollha. L-ispiza sabiex jissewwew dawn il-hsarat kienet tammonta ghal hames mija u sittin lira Maltin (Lm560).

Kien talab lis-socjeta’ attrici sabiex tghaddilu rapport tal-hsarat sabiex setghu jaghmlu *claim* ma’ l-insurance, izda dan ir-rapport qatt ma wasal. Fis-27 ta’ Mejju, 2003, rega’ kien wasal kont iehor ta’ disa’ mija u tnejn u disghin lira Maltin u hamsa w erbghin centezmu (Lm992.45c) u kien hawn li s-socjeta’ konvenuta tilfet kull fiducja fis-socjeta’ attrici. Bdiet tissusspetta li x-xoghol ma kienx qed isir sew sabiex is-socjeta’ attrici kienet ittella’ l-ispejjez jew altrimenti ma kienux kapaci jsewwu.

Jghid ukoll li kien talab lill-Enemalta tivverifika dwar il-*power surges*, izda rrizultalhom li la darba ma kienx hemm aktar lamenti ta’ proprjetajiet fl-inhawi, zgur li ma kienx hemm problemi ta’ *power surges*.

Kien f’Novembru 2003 li kien gab lil xi haddiehor sabiex jinstalla PABX gdida ta’ l-ghamla Siemens u minn hemm irrizulta li l-linja ta’ barra ma kienitx imqabbda mal-PABX antika. Minn dakinhar ‘il hemm ma kienx hemm aktar *power surges* u l-Inginier Joe Bonnici li kien installa l-*power surge protector*, innega li kien hemm dawn is-*surges* ukoll. Ghalhekk dan ifisser li l-problema kienet gejja jew minhabba manutenzjoni hazina jew is-sistema Philips Sophos fiha nnnifisha, li kienet antika u parts taghha ma kienux aktar jigu manifatturati.

Gie deciz li s-socjeta' attrici ma tithallasx il-kont ta' Marzu, 2003. Ma setghux jirreklamaw fuq il-*claim* li ghamlu ma' l-insurance, ghaliex is-socjeta' attrici qatt ma baghtet rapport, minkejja li giet mitluba tibghatu diversi drabi.

Is-Sur Gatt jammetti li ghall-bidu li kienet giet installata s-sistema tal-Philips ma kienx ikun il-lukanda kuljum. Beda jintebah li kull darba li kien icempel ma kienux jirrisponduh u ghalhekk induna li kien hemm xi problema ghaliex dawn it-telefonati ma kienux qed jidhlu.

Waqt li kienet qed tigi installata s-sistema tas-Siemens irrizulta li kien hemm *wire* maqlugh u skond dawk li kienu qed jaghmlu l-installazzjoni kien ghalhekk is-sistema ma kienitx tahdem.

Ma setax ikun li xi hadd qala' dan il-*wire* minhabba l-*panelling* u s-sistema tal-*wiring* kienu jinsabu kollha wara l-*panelling*.

Jikkonferma li meta s-sistema tal-PABX inbidlet minn Philips ghal Siemens qatt ma kellhomx problemi aktar.

Rigward l-ahhar kont, li jikkonferma li ghadu ma thallasx, jghid li kienu ffirmaw il-*job card*, pero' peress li kien hemm problema ta' *call logging* iddecidew li s-sistema kienet *irretrievable* u ddecidew li jdahhlu sistema gdida.

Kull *technician* gdid jitlobhom is-*circuit diagram* izda s-socjeta' attrici ghalkemm qatt ma qalet li ma kellhiex, pero', qatt m'ghaddiethomlom.

Jghid li s-*switch board* kien imissu u jiehu hsiebu t-*technician* tal-lukanda.

Jghid li kienu damu tlett snin ghaliex kemm 'il darba kienu talbu lis-socjeta' attrici sabiex jigu u jezaminaw il-hsara, izda dawn kienu jdumu.

Ghalhekk gieli kien ikollu jidhol it-*technician* tal-lukanda fuq is-*switch board*.

Ra d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidra**

**<u>Preskrizzjoni</u>**

Is-socjeta' konvenuta eccepiet illi l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikoli 2148(a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dan l-Artikolu japplika ghall-preskrizzjonijiet tat-tmintax-il xahar, precizament fil-kaz ta' azzjonijiet tal-hajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentieri, arluggara u ta' persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, izda ma jkoprix lil dawk li huma kuntratturi organizzati f'azjenda.

It-Tribunal jaqbel mas-sottomissjoni tas-socjeta' attrici, li din id-dispozizzjoni tal-ligi mhix applikabbli ghal kaz odjern, izda caso mai kellu jigi eccepit il-preskrizzjoni kwinkwennali. Primarjament, huwa impossibbli tiddeskrivi s-servizzi li rrendiet is-socjeta' attrici fl-ambitu ta' l-Artikolu citat u dan meta gie stabbilit illi:

***"Dwar azzjoni fejn persuna tfittex ghall-hlas ta' xoghol li tkun wettqet ghal stallazzjoni ta' servizz f'post ma japplikax l-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili li jirreferi ghall-kazijiet ta' xoghol imwettaq bl-imnut." (StencilPave (Malta)Limited vs Kunsill Lokali Naxxar 30.10.2003JRM)***

Partikolarment, kienet tapplika l-preskrizzjoni kwinkwennali u dan stante li rrizulta b'mod car u evidenti li kien hemm rikonoxximent tad-debiti da parti tas-socjeta' konvenuta, aktar u aktar meta wara li rceviet il-kont minghand is-socjeta' attrici

kienet ghamlet *claim* ma' l-insurance sabiex tithallas ta' l-allegati hsarat. Din l-azzjoni per se tindika li kien hemm kont li s-socjeta' konvenuta kienet disposta li thallas biss jekk kien jirnexxielha tirkupra l-flus minghand is-socjeta' assikurattrici. Jekk irnexxielhiex jew le hija kwistjoni ohra li ser tigi kkunsidrata fil-mertu tal-vertenza odjerna. Izda, dan it-Tribunal ghall-mument qed jezamina biss il-preskrizzjoni mressqa mill-konvenut u ma jistax jikkunsidra xi terminu preskrittiv iehor, anki jekk effettivament, l-Artikolu 2151 (2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jikkontempla illi:-

***".....jekk il-kreditu ghal dawn il-fornituri, kunsinni, xogholijiet, servizzi jew qadi iehor jirrizulta minn kont accettat mid-debitur jew minn dikjarazzjoni ohra tad-debitur bil-miktub, l-azzjoni ma taqax bi preskrizzjoni hlief bl-eghluq ta' hames snin li jibdew mid-data ta' dak il-kont jew ta' dik id-dikjarazzjoni."***

Ghalhekk, dan it-Tribunal ser jichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta u ser ikompli sabiex jikkunsidra l-fatti fil-mertu tal-kawza u dan in vista taz-zewg eccezzjonijiet ulterjuri tas-socjeta' konvenuta.

**<u>Xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti</u>**

Is-socjeta' konvenuta tinsisti li ma tridx thallas l-ammont pendenti mas-socjeta' attrici u dan meta fl-opinjoni taghhom ix-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti.

Is-socjeta' konvenuta kienet qabbdet lis-socjeta' attrici sabiex tinstalla s-sistema tal-PABX tal-marka Philips u dan kien ghall-habta ta' Marzu 2000. Ftit wara kien hemm xi problema minhabba xi sajjetti. Kellhom isiru xi tidbil fl-apparat u fis-sistema.

Maggorment, il-problemi li kien hemm fil-lukanda Rafael Spinola f'San Giljan, kienu fis-sistema telefonika, precizament fis-sistema tal-*call logging*, b'dan ili ma bdewx jigu rregistrati t-telefonati li kienu qed isiru mir-residenti u dawn wassal ghal telf ta' qliegh li kien ikollhom minn dawn it-telefonati. Kien hemm telf ta' disgha fil-mija (9%) kif gie kkonfermat minn Anthony Gatt, in rapprezentanza tas-socjeta' attrici.

Il-problema l-ohra kienet illi linja wahda kienet qed tahdem u hafna mit-telefonati ma kienux qed jidhlu, tant li hadd ma kien jirrispondi.

Sa Awissu, 2002, rega' kien hemm problema fis-sistema telefonika ghal darb' ohra. Is-socjeta' attrici, li baqghet bi ftehim ta'manutenzjoni mas-socjeta' attrici, rrelatat il-problema bhala konsegwenza ta' *power surges*.

Ghal darb' ohra kien hemm problemi sabiex hadu l-flus li s-socjeta' konvenuta hallset lis-socjeta' attrici, mill-insurance li talbet li jigu nstallati *power surge protectors.*

Is-socjeta' konvenuta hekk ghamlet, izda regghu kellhom u baqghu bil-problemi fil-*call logging*.

Is-socjeta' attrici baqghet tinsisti li kienu problemi kollha relatati mal-*power surge*, minkejja li kienu twahhlu dawn il-*protectors.*

Ir-realta' kienet wahda – li sakemm is-socjeta' konvenuta baqghet taghmel uzu mis-sistema, s-sistema qatt ma ffunzjonat tajjeb.

Is-socjeta' konvenuta tinsisti li kemm it-Telemalta dak iz-zmien kienet innegat li kien hemm problemi ta' *power surges*, kif ukoll l-Inginier Joe Bonnici fehem li l-problemi ma kienux konsegwenza ta' *surges,* pero' s-socjeta' konvenuta fl-ebda stadju

ma ressqet lil dawn ix-xhieda sabiex jikkonfermaw dawn il-fatti.

Minkejja li s-socjeta' konvenuta qatt ma kkontestat li l-ammont mitlub ma kienx dovut, kienet ghamlet *claim* ma' l-insurance, li rrifjutat li thallas qabel ma giet ipprezentata b'rapport tal-hsarat, izda s-socjeta' konvenuta tikkonferma li dan ir-rapport qatt ma wasal minghand is-socjeta' attrici.

Kien hawn li nbiddlet is-sistema minn Philips ghal Siemens Sophos u minn dak iz-zmien 'l hemm ma kellhomx aktar problemi. Irrizulta wkoll li t-*technicians* godda kienu sabu li kien hemm *wire* li ma kienx gie kkomunikat mas-sistema l-antika u ghalhekk dan qatt ma seta' jiffunzjona. Is-socjeta' konvenuta hasset li jekk dawn kienu c-cirkostanzi li kien ikkontribwew ghas-sistema ta' PABX difettuza, ma kellhiex thallas ghal dan l-ahhar kont, li fuqu s-socjeta' attrici qed tippretendi l-hlas, meta regghu attribwew il-problema ghal wahda ta' *power surge*.

It-Tribunal ukoll josserva li hija haga ta' l-iskantament, meta jitqies li rapprezentanti mis-socjeta' attrici kienu jmorru regolarment sabiex jaraw minfejn kienet gejja l-problema u qatt ma ddentifikawha, izda kull darba attribwew il-*call logging* difettuz minhabba *power surge*.

Is-socjeta' attrici tipprova tallega li seta' kien hemm xi hadd mill-impjegati li kien juza l-i*switch board*. Irrizulta li meta s-socjeta' attrici kienet iddum sabiex tmur u tivverifika x'kienet il-problema fis-sistema tal-*call logging*, kien jaghmel analizi t-*technician* tal-lukanda stess.

Anki, jekk ghall-grazzja ta' l-argument jista' jkun li t-*technician* nehha xi *wire* li kellu jigi nstallat fis-sistema tal-PAPX (anki jekk m'hemmx anqas l-icken prova ta' dan), jirrizulta li r-rapprezentanti tas-socjeta' attrici fid-diversi visti taghhom qatt ma

ntebhu li kien hemm din il-problema ta' installazzjoni. Fil-fehma tat-Tribunal dan in-nuqqas hu inspjegabbli.

Is-socjeta' konvenuta wkoll tichad li xi impjegati setghu dahlu u qacctu dan il-*wire* u dan peress li l-*wiring* kollu kien jinstab wara l-*panelling*.

It-Tribunal ihoss li la darba qatt ma gie kkontestat li kien hemm dawn l-intoppi u problemi fis-sistema tal-PABX u hemm il-kontijiet relattivi f'dan is-sens, xi tip ta' difett kien hemm. Il-verzjoni tas-socjeta' konvenuta hija mbaghad aktar kredibbli meta malli biddlu s-sistema ghal wahda tal-marka Siemens, kollox mexa harir.

Ghalhekk, inevitabilment, is-sistema Philips ma kienitx tiffunzjona sew ghad-detriment tas-socjeta' konvenuta. Isemmghu l-*power surges*, pero' ziedu l-*protectors* sabiex jigu evitati aktar problemi, izda dawn baqghu ezistenti. Aktar minn hekk, peress li kienet giet mibdula s-sistema tal-PABX u ma kienitx giet infurmata l-insurance, kien hemm bzonn tar-rapport minghand is-socjeta' attrici li qatt m'ghaddietulhom u dan kif jirrizulta mid-dokumentazzjoni relattiva.

Ghaldaqstant, it-Tribunal ihoss li l-verzjoni tas-socjeta' konvenuta hija dik l-aktar kredibbli ghaliex mill-bidunett, jew is-socjeta' attrici forniet u installat sistema difettuza jew uriet nuqqasijiet u deficjenzi fil-manutenzjoni ta' l-istess u assumiet li kollox kien dovut ghal *power surges* meta hu ovvju li d-difett kien band' ohra. Is-socjeta' wkoll naqset milli tissupplixxi lis-socjeta' konvenuta r-rapport mehtieg sabiex tithallas mis-socjeta' assikurattrici li kien talvolta fuq kollox jevita l-htiega li ssir din il-kawza. Is-socjeta' attrici poggiet lis-socjeta' konvenuta fil-pozizzjoni li ma setghetx tipprova li kellha dritt ta' rizarciment mis-socjeta' assikurattrici.

Fil-fehma tat-Tribunal, ghalhekk, is-socjeta' attrici naqset milli tipprova il-kaz taghha.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal filwaqt li jirrespingi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta bl-ispejjez relattivi kontra taghha, jiddeciedi dwar il-meritu billi jichad it-talbiet attrici.

Bl-ispejjez, salv dawk gja' decizi, kontra s-socjeta' attrici."

Bl-appell elaborat minn din is-sentenza s-socjeta` attrici talbet il-varjazzjoni taghha fis-sens li tkun konfermata dik il-parti fejn cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u tigi revokata dik il-parti fejn it-Tribunal akkolja t-tieni eccezzjoni. Sintetikament l-ilmenti tas-socjeta` attrici jistghu jigu distillati kif gej:-

(1) L-eccezzjoni akkampata illi l-apparat u s-servizzi ma kienux skond l-arti u s-sengha ma tinsabx sostenuta mill-provi;

(2) It-Tribunal evalwa l-provi b'mod zbaljat, kompriz li accetta bhala provi zewg Affidavits li ma gewx guramentati;

(3) It-Tribunal zbalja meta deherlu li l-piz tal-prova li l-merce u x-xoghlijiet kienu tajbin kienu fuq is-socjeta` attrici;

(4) It-Tribunal agixxa b'mod li cahhadha milli tressaq provi in ripulsa ta' dawk provduti mis-socjeta` konvenuta u b'hekk ma tatix opportunita` li ggib provi dwar il-kwalita` tas-servizzi rezi, bi ksur tal-principju *audi alteram partem*;

(5) It-Tribunal ma specifikax liema eccezzjoni kienet qed tigi akkolta;

Ghal dawk li huma l-fatti sostanzjali tal-kawza jirrizulta mix-xhieda ta' George Camilleri, Managing Director tas-socjeta` attrici (fol. 11), illi din ipprovdiet servizz ta' telekomunikazzjoni lis-socjeta` konvenuta. Ghall-precizazzjoni, "il-prestazzjoni tinkludi sija sostituzzjoni u xiri ta' apparat, sija s-servizzi taghna". Il-fattura esebita a fol. 15, li fuqha s-socjeta` attrici qed tippretendi l-hlas, tindika li gew rimpjazzati xi komponenti ta' l-apparat, u *emergency repairs* ghal dak li s-socjeta` attrici tippretendi li kien dovut minhabba "*high voltage problem*" jew "*power surges*". Minn naha taghha s-socjeta` konvenuta ddefendiet ruhha bis-sottomissjoni illi s-sistema installata ma kienetx adegwata u li s-servizzi ta' ripar ipprovduti ma kienux idoneji in kwantu l-istess xorta ta' hsara rrepetiet ruhha;

Minn kif ikkoncepita t-tieni eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta din tippresupponi l-ipotesi ta' inadempiment tal-prestazzjoni da parti tas-socjeta` attrici. F'tema bhal din ta' inadempiment id-disposizzjonijiet specifici tal-kuntratt ta' appalt, *locatio operis* jew tal-prestazzjoni ta' servizzi huma ragonevolment inkluzivi tal-principji generali ta' l-inadempiment kontrattwali. Huwa proprju l-Artikolu 1132 (1) tal-Kodici Civili li joffri lill-interpretu dak il-kriterju generali biex jivvaluta l-kondotta ta' l-obbligat fl-adempiment, jew in-non-adempiment, ta' l-obbligazzjoni minnu assunta. Dan fis-sens li l-adempiment jew l-inadempiment jitkejlu skond il-kriterju tad-diligenza tal-*bonus paterfamilias* li jippreciza l-precitat artikolu. Valutata f'sens oggettiv f'din id-diligenza hi komprensiva anke l-perizja intiza bhala konoxxenza u ezekuzzjoni tajba tar-regoli teknici ta' l-attivita` ezercitata. Hekk, skond certa gurisprudenza, ghad-determinazzjoni tad-diligenza dovuta, jinghad illi "*l imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli secondo i dettami dell'arte sua, e deve prestare almeno una capacita ordinaria*" (**Kollez. Vol. XXVII P I p 374**). Issokta jigi enfasizzat illi "l-artefici ghandu jiggarantixxi l-bonta tax-xoghol tieghu, u din il-garanzija hi implicita" (**Kollez. Vol. XL P I p 485**) u li "l-appaltatur hu obbligat jezegwixxi l-opra mifthema skond is-sengha" (**Kollez. Vol. XLI P II p 892**). Naturalment, u

anke ovvjament, ghalkemm min hu inkarigat minn bicca xoghol jew mill-prestazzjoni ta' certu servizzi jiddisponi minn diskrezzjonalita` teknika ampja, mill-ezemplari appena illustrati, huwa jirrispondi ghar-rizultat ta' l-ezekuzzjoni minnu ta' dik l-istess bicca xoghol jew tas-servizz prestat, jekk jinstab li dawn ma gewx ezegwiti fl-osservanza tar-regoli tas-sengha u ta' l-arti;

Applikat dan li nghad ghal kaz in ispecje, jibda biex jigi registrat illi kien jikkostitwixxi obbligazzjoni tas-socjeta` attrici l-accertament tal-konformita` ta' l-apparat installat u dik tar-realizzar tas-servizzi ancillari ghall-iskop mahsub mis-socjeta` konvenuta. Dan sew ghal dik li hi modalita` ta' l-ezekuzzjoni, kemm ghar-regoli tat-teknika. Attiza l-konoxxenza teknika taghha, li dwarha s-socjeta` konvenuta ma tistax ma titqiesx profana, is-socjeta` appellanti kienet tenuta li tindividwa dawk il-karenzi li kienu qed jimpedixxu l-funzjonament tajjeb ta' l-apparat u li taddopera l-atti korrettivi necessarji;

Fuq il-valutazzjoni tieghu t-Tribunal iddetermina li s-socjeta` attrici appellanti ma adempixxietx ruhha kif suppost jew almenu mhux b' soddisfaciment shih ta' l-impenn minnha assunt. F' dan il-kunest it-Tribunal ma naqasx milli jindividwa certi anomaliji fl-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet da parti tas-socjeta` attrici. Mhux eskluz lanqas l-inadempiment ta' dak id-dover accessorju tar-rapport konsegwit bin-nuqqas ta' l-indentifikazzjoni tad-difformita` kwalitativa tas-sistema installata. F'dan, it-Tribunal ma kkampax ruhu biss fuq l-Affidavits mhux guramentati in kwantu l-istess xhieda li rridegewhom xehdu *viva voce* quddiem it-Tribunal u sarilhom ukoll il-kontro-ezami. Ara fol. 40 *et sequitur*;

In kwantu ghall-piz tal-prova jigi osservat l-ewwelnett illi fil-kaz ta' allegazzjoni tan-nuqqas ta' adempiment jew ta' adempiment inezatt kien jaggrava dejjem, in vista tal-presunzjoni stabbilita fl-Artikolu 1133 Kodici Civili, fuq l-obbligat li jiddemostra dik l-adempjenza ezatta in kwantu

l-prova tan-non-imputabilita hi mixhuta fuqu u din riedet tkun pjena u shiha tal-mankanza ta’ kolpa. Is-socjeta` appellanti lanqas tista’, imbaghad, tilmenta illi ma nghatatx l-opportunita` li tressaq il-provi taghha ghaliex hi kienet ben konsapevoli mill-kontenut ta’ l-eccezzjoni sottomessa illi s-socjeta` konvenuta kienet qeghda tirpoza d-difiza taghha fuq in-nuqqas ta’ ezekuzzjoni skond l-arti u s-sengha. Dawn il-provi hi kien htiegilha tressaqhom fl-istadju tal-produzzjoni tal-provi taghha u mhux tistenna li dan taghmlu wara dawk tas-socjeta` konvenuta jew li tikkuntenta ruhha mill-konvinzjoni insorta fiha illi l-problema kienet sempliciment wahda ta’ “*main voltage surges*” (ara ittra taghha tat-18 ta’ Ottubru, 2002 a fol. 20 tal-process). Sewwa hafna nghad mill-Qorti ta’ l-Appell Kolleggjali illi “hi wkoll zbaljata s-sottomissjoni ta’ l-appellant illi l-principju *audi alteram partem* kien wiehed li jittraxxendi r-regoli ta’ procedura mahsuba biex jorganizzaw il-process gudizzjarju u li l-Qrati u li l-partijiet kienu tenuti u obbligati li josservaw. Indubbjament, anke fl-applikazzjoni ta’ dan il-principju bazilari ta’ dritt kellhom jigu osservati l-interessi supremi tal-gustizzja kif ukoll id-drittijiet tal-kontroparti li kienu jesigu illi s-smiegh tal-kawza jkun regolat skond kif tidderrigi l-Qorti bl-applikazzjoni tal-ligi procedurali” (“**Teddy Spiteri *et* -vs- Catherine Muscat *et***”, 6 ta’ Ottubru, 2000). B’ugwal forza rafforzata dan il-hsieb ghandu jsib applikabilita` shiha fil-kaz ta’ proceduri quddiem it-Tribunal adit, tenut rigward tad-disposizzjonijiet specjali ta’ l-Att V ta’ l-1995, senjatament l-Artikolu 9 (1) u (2) tieghu;

Kwantu ghall-ahhar ilment din il-Qorti lanqas ma tara s-serjeta tieghu gjaladarba hu altru milli ragonevolment car illi una volta t-Tribunal irrespinga l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hu kien qieghed implicitament jilqa’ t-tieni eccezzjoni in suffragju tal-motivazzjoni tieghu illi s-socjeta` appellanti naqset milli tipprova l-kaz taghha.

Ghal dawn il-motivi kollha din il-Qorti qeghda tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------